KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.8.2006
KUMM(2006) 461 finali

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 u (KE) Nru 2270/2004 fir-rigward ta' l-opportunitajiet u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut.**

(preżentata mill-Kummissjoni)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid għall-2006. Emendi għar-Regolament huma meħtieġa minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu dan l-aħħar b'konsegwenza ta' Ftehimiet internazzjonali u l-ħtieġa għal kjarifiki tekniċi:

1. Projbizzjoni fuq is-sajd għal, iż-żamma abbord ta', it-trażbord ta', jew il-ħatt l-art tal-Gabdoll u l-Kelb Abjad fl-ilmijiet kollha tal-KE, dawk li mhumiex tal-KE, u l-ilmijiet internazzjonali għandha tiġi introdotta fid-dawl ta' obbligi internazzjonali li dawn l-ispeċijiet jiġu kkonservati u protetti.

2. Fl-20 ta' Frar 2006, ġew konklużi bejn il-Komunità u l-Iżlanda l-konsultazzjonijiet annwali dwar l-opportunitajiet reċiproċi tas-sajd għall-2006. Il-miżuri meħtieġa għandhom jittieħdu sabiex ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet jiġu implimentati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja.

3. Id-definizzjoni ta' jiem preżenti f'żona fir-rigward ta' l-isforz tas-sajd minn bastimenti fil-kuntest ta' l-irkupru ta' ċerti stokkijiet, għandha tiġi ċċarata sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-limitazzjonijiet fuq l-isforzi tas-sajd.

4. Il-preżentazzjoni ta' l-użu ta' ċerti tipi ta' tagħmir tas-sajd mingħajr kundizzjonijiet speċjali fir-rigward tan-numru massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona fil-kuntest ta' l-irkupru ta' ċerti stokkijiet għandha tiġi riveduta.

5. Għandu jkun hemm inċentiv, għal bastimenti li joperaw taħt sistema ta' liċenzji li jiġu sospiżi awtomatikament, sabiex jużaw tagħmir aktar selettiv fil-Baħar tat-Tramuntana. Dan għandu jiġi rifless fl-allokazzjoni tan-numru ta' jiem preżenti f'żona.

6. Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li meta jintuża aktar minn grupp wieħed ta' tagħmir tas-sajd matul is-sena, l-ebda tagħmir minnhom ma jkun jista' jintuża jekk in-numru totali ta' jiem fuq il-baħar diġà jkun akbar min-numru ta' jiem stipulati għal dak it-tagħmir.

7. Bastimenti li jistadu fil-kuntest ta' l-irkupru ta' l-istokkijiet tal-Lingwata fil-Puntent tal-Kanal għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-deroga fir-rigward tan-numru massimu ta' jiem ta' sajd taħt kundizzjonijiet speċjali. Għaldaqstant dawk ir-regoli għandhom jiġu ċċarati.

8. Minħabba l-modifika tad-definizzjoni tal-jiem preżenti f'żona, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-deroga li tapplika għar-rekwiżiti ta' sinjalazzjoni tad-*data* fir-rigward ta' l-isforzi tas-sajd minn bastimenti li jistadu fil-kuntest ta' l-irkupru ta' l-istokkijiet tal-Lingwata tal-Kanal tal-Punent.

9. Il-Kummissjoni għas-sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC) fi Frar 2004 għamlet rakkomandazzjoni dwar bastimenti li jkunu stadu illegalment, mingħajr ma rrapurtaw u mingħajr ma ġew regolati (*illegal, unreported and unregulated*, *IUU*). F'Mejju 2006, in-NEAFC għamlet rakkomandazzjoni li d-dispożizzjonijiet dwar sajd IUU

jiġu emendati. L-implimentazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni fl-ordinament ġuridiku Komunitarju għandha tiġi żgurata.

10. Il-Polonja hija intitolata għal kwota ta' aringi fiż-żoni I u II skond l-Anness XII tat-Trattat ta' Adeżjoni u, barra minn hekk, ġiet allokata liċenzji sabiex tistad għall-pollakkju u l-merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni IV u II. Il-limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u permessi għas-sajd għandhom jirriflettu dan.

11. Sar xi titjib fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2270/2004 jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd għall-2005-2006 għall-bastimenti Komunitarji għal ċerti speċijiet li jgħixu fil-baħar fond.

12. Skond il-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità u n-Norveġja fil-31 ta' Jannar 2006, u abbażi tal-pariri xjentifiċi, is-sajd għar-*roundnose grenadier* fiż-żona III, li tinkludi l-ilmijiet Norveġiżi, għandu jkun ristrett għall-qabda medja fil-perjodu 1996-2003. Din l-emenda għandha tiġi implimentata fir-Regolament (KE) Nru 2270/2004.

Il-proposta preżenti hija maħsuba sabiex jiġu introdotti l-emendi meħtieġa għal:

- l-Artikoli 5, 7, 10 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 51/2006, u l-Annessi tiegħu IA, IB, IIA, IIB, IIC, IID, III and IV.

- l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2270/2004.

Il-Kunsill huwa mitlub li jadotta din il-proposta malajr kemm jista' jkun sabiex is-sajjieda jkunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għal dan l-istaġun ta' sajd.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 u (KE) Nru 2270/2004 fir-rigward ta' l-opportunitajiet u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet ta' ħut.**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tal-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar ta' l-istokkijiet ta' merluzz (*cod*)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006[4] tad-22 ta' Diċembru 2005 li jiffissa għas-sena 2006 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet [ħażniet] ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli f'ilmijiet Komunitarji u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet ta' qabdiet.

(2) Għandha tiġi introdotta projbizzjoni fuq is-sajd għal, iż-żamma abbord ta', it-trasbord ta', u l-ħatt l-art tal-Gabdoll u l-Kelb Abjad fl-ilmijiet kollha tal-KE, dawk li mhumiex tal-KE u ilmijiet internazzjonali fid-dawl ta' l-obbligi internazzjonali għall-konservazzjoni u l-ħarsien ta' dawn l-ispeċijiet, ibbażati *inter alia*, fuq il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora fil-Periklu kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-FAO għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar.

(3) Wara l-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Iżlanda fl-20 ta' Frar 2006, intlaħaq arranġament dwar il-kwoti għall-bastimenti Iżlandiżi li jistgħu jinqabdu mill-kwota Komunitarja li ġiet allokata skond il-Ftehim tagħha mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali ta' Greenland sat-30 ta' April 2006 u għal bastimenti Komunitarji li jistgħu jistadu għar-*Redfish* fiż-Żona Ekonomika ta' l-Iżlanda bejn Lulju u Diċembru. Dan l-arranġament għandu jiġi implimentat fir-Regolament (KE) Nru 51/2006.

---

1 ĠU 358, 31,12,2002, p. 59
2 ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8
3 ĠU C, ,p. .
4 ĠU L 16, 20.1.2006, p. 1

(4) Id-definizzjoni tal-jiem preżenti f'żona fir-rigward ta' l-isforz tas-sajd mill-bastimenti fil-kuntest ta' l-irkupru ta' ċerti stokkijiet għandha tiġi ċċarata sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-limitazzjonijiet fuq l-isforzi tas-sajd.

(5) Il-preżentazzjoni ta' l-użu ta' ċerti tipi ta' tagħmir tas-sajd mingħajr kundizzjonijiet speċjali fir-rigward tan-numru ta' jiem massimu li fih bastiment jista' jkun preżenti f'żona fil-kuntest ta' l-irkupru ta' ċerti stokkijiet għandha tiġi riveduta.

(6) Għandu jkun hemm inċentiv għal bastimenti li joperaw taħt sistema ta' liċenzji li jiġu sospiżi awtomatikament sabiex jużaw tagħmir aktar selettiv fil-Baħar tat-Tramuntana. Dan għandu jiġi rifless fir-rigward tan-numru ta' jiem preżenti f'żona li jkunu ġew allokati.

(7) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li meta jintuża aktar minn grupp wieħed ta' tagħmir tas-sajd matul is-sena, l-ebda wieħed minnhom ma jkun jista' jintuża jekk in-numru totali ta' jiem fuq il-baħar diġà jkun aktar min-numru ta' jiem stipulati għal dak it-tagħmir.

(8) Bastimenti li jistadu fil-kuntest ta' l-irkupru ta' l-istokkijiet tal-Lingwata tal-Kanal tal-Punent għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-derogi fir-rigward tan-numru massimu ta' jiem ta' sajd taħt kundizzjonijiet speċjali. Għaldaqstant dawk ir-regoli għandhom jiġu ċċarati

(9) Minħabba l-modifika tad-definizzjoni tal-jiem preżenti f'żona, huwa meħtieġ li d-deroga li tapplika għar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni tad-*data* fir-rigward ta' l-isforzi tas-sajd għal bastimenti li jistadu fil-kuntest ta' l-irkupru ta' stokkijiet ta' Lingwata tal-Kanal tal-Punent

(10) Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC) fi Frar 2004 għamlet rakkomandazzjoni dwar bastimenti li jkunu stadu illegalment, mingħajr ma jkunu rrapurtaw u mingħajr ma jkunu ġew regolati (IUU). F'Mejju 2006, in-NEAFC għamlet rakkomandazzjoni li d-dispożizzjonijiet dwar sajd IUU jiġu emendati. Għandha tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni fl-ordinament ġuridiku Komunitarju.

(11) Il-Polonja hija intitolata għal kwota ta' aringi fiż-żoni I u II skond l-Anness XII tat-Trattat ta' Adeżjoni u barra minn hekk ġiet allokata liċenzji sabiex tistad għall-pollakkju u l-merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni IV u II. Il-limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u permessi għas-sajd għandhom jirriflettu dan.

(12) Għandu jsir xi titjib fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni.

(13) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2270/2004, jistabbilixxi għall-2005 u l-2006 il-possibbiltajiet tas-sajd miftuħa għall-bastimenti tal-Komunità rigward ċerti stokkijiet ta' ħut ta' l-ilmijiet fondi[5].

(14) Skond il-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità u n-Norveġja fil-31 ta' Jannar 2006, u abbażi tal-pariri xjentifiċi, is-sajd għar-*roundnose grenadier* fiż-żona III, li tinkludi l-ilmijiet Norveġiżi, għandu jkun ristrett għall-qabda medja fil-perjodu 1996-2003. Din l-emenda għandha tiġi implimentata fir-Regolament (KE) Nru 2270/2004.

[5] ĠU L 396, 31.12.2004, p. 4

(15) Ir-Regolamenti (KE) Nru 51/2006 u (KE) Nru 2270/2004 għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"8. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti Komunitarji jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw u jħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin fl-ilmijiet kollha Komunitarji u l-ilmijiet mhux Komunitarji:

- Gabdoll (*Cetorinhus maximus*)
- Kelb abjad (*Carcharodon carcharias*)"

(2) Fl-Artikolu 7(1), it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"- L-Anness IIB għandu japplika għall-ġestjoni tal-marlozz (*hake*) u l-awwist fid-Diviżjonijiet VIIIc u IXa ta' l-ICES bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cadiz;

(3) Fl-Artikolu 10, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Is-sajd mill-bastimenti Komunitarji fl-ilmijiet soġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' l-Iżlanda għandu jkun limitat għaż-żona definita mil-linji dritti li jgħaqqdu sekwenzjalment il-koordinati li ġejjin:

<u>Iż-Żona tal-Lbiċ</u>

1. 63°12'N u 23°05'W minn 62°00'N u 26°00'W,
2. 62°58'N u 22°25'W,
3. 63°06'N u 21°30'W,
4. 63°03'N u 21°00'W minn hemm 90°00'S;

<u>Iż-Żona tax-Xlokk</u>

1. 63°14'N u 10°40'W,
2. 63°14'N u 11°23'W,
3. 63°35'N u 12°21'W,
4. 64°00'N u 12°30'W,

5. 63°53'N u 13°30'W,

6. 63°36'N u 14°30'W,

7. 63°10'N u 17°00'W minn hemm 90°00'S."

(4) L-Artikolu 13 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 13*
*Awtorizzazzjoni*

1. Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Barbados, il-Gujana, il-Ġappun, il-Korea ta' Isfel, in-Norveġja, is-Surinam, Trinidad u Tobago u l-Venezwela u bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faroe għandhom ikunu awtorizzati li jagħmlu qabdiet fl-ilmijiet tal-Komunità, fi ħdan il-limiti ta' qbid stabbiliti fl-Anness I, u suġġetti għall-kundizzjonijiet provduti fl-Artikoli 14, 15 u 16 u 19 sa 25.

2. Għandu jkun ipprojbit li bastimenti ta' pajjiżi terzi jżommu abbord, jittrasbordaw u jħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin fl-ilmijiet kollha Komunitarji:

- Gabdoll (*Cetorinhus maximus*)
- Kelb abjad (*Carcharodon carcharias*)"

(5) L-Annessi huma emendati skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*
*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2270/2004*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru. 2270/2004 huwa emendat skond l- l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 51/2006 huma emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness IA, il-partita dwar l-ispeċi Gabdoll fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IV, VI u VII titħassar.

(2) Fl-Anness IB:

(a) Il-partita dwar l-ispeċi *Capelin* fiż-żona V, XIV (ilmijiet ta' Greenland) tinbidel b'li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Speċi: | *Capelin* | Żona: | V, XIV (ilmijiet ta' Greenland) |
| | Mallotus villosus | | CAP/514GRN |

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri kollha | 0 |
| KE | 16170 (1) (2) |
| TAC | Mhux rilevanti |

(1) Li minnhom 16170 tunnellata huma allokati lill-Iżlanda.

(2) Għandu jiġi mistad qabel it-30 ta' April 2006"

(b) Il-partita dwar l-ispeċi Redfish fiż-żona Va (ilmijiet ta' l-Iżlanda) tinbidel b'li ġej:

| "Speċi: | *Redfish* | | Żona | Va (ilmijiet ta' l-Iżlanda) |
|---|---|---|---|---|
| | Sebastes spp. | | | RED/05A-IS |
| Il-Belġju | 100 | (1)(2) | | |
| Il-Ġermanja | 1 690 | (1)(2) | | |
| Franza | 50 | (1)(2) | | |
| Ir-Renju Unit | 1 160 | (1)(2) | | |
| KE | 3 000 | (1)(2) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | | |

(1) Inklużi qabdiet sekondarji li ma jistgħux jiġu evitati (merluzz mhux permess)

(2) Li għandhom jiġi mistada bejn Lulju u Diċembru."

(3) Fl-Anness IIA:

(a) Il-Punt 3 jinbidel b' dan li ġej:

"3. Definizzjoni ta' jiem preżenti f'żona

Għall-għan ta' dan l-Anness, jum preżenti f'żona għandu jkun kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu bastiment ikun preżenti fi kwalunkwe ħin fiż-żona ġeografika definita f'punt 2 u jkun nieqes mill-port. Il-ħin li minnu jibda jitkejjel il-perjodu kontinwu hu għad-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru li tiegħu il-bastiment konċernat itajjar il-bandiera.

(b) Il-Punt 8.1 (i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) Il-bastimenti kellu jkun preżenti fiż-żona fis-sena 2003, 2004 jew 2005 bit-tagħmir tas-sajd imsemmi fil-punt 4.b. abbord. Fl-2006 il-kwantitajiet ta' merluzz miżmuma abbord għandhom jirrappreżentaw anqas minn 5% tal-ħatt l-art totali ta' l-ispeċijiet kollha magħmula mill-bastiment skond il-piż ħaj tal-ħut li nħatt l-art irreġistrat fil-ġurnal ta' abbord Komunitarju. Matul perjodu ta' ġestjoni meta bastiment jkun qed jagħmel użu minn din id-dispożizzjoni, il-bastiment ma jista' fl-ebda mument iġorr abbord tagħmir tas-sajd għajr dak speċifikat fil-punti 4.b.iii. jew 4.b.iv."

(c) Il-Punt 13, tabella 1 jinbidel b'dan li ġej:

**"Tabella I**
**Numru massimu ta' jiem fl-2006 li fihom bastiment jista' jkun preżenti f'żona skond it-tagħmir tas-sajd**

| Grupp ta' tagħmir tas-sajd Punt 4 | Kundizzjoni Speċjali Punt 8 | Denominazzjoni[1] | Żoni kif definiti fil-punt: 2.a Kattegat | 2.b 1 – Skaggerak 2 – II, IVa,b,c, 3 – VIId | | | 2.c VIIa | 2.d VIa |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 | 2 | 3 | | |
| 4.a.i | | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥16 u <32 mm | 228[2] | 228[2] | | | 228 | 228 |
| 4.a.ii | | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥70 u <90 mm | m.r. | m.r. | 227 | | 227 | 227 |
| 4.a.iii | | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥90 u < 100 mm | 103 | 103 | 227 | | 227 | 227 |
| 4.a.iv | | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥100 u <120 mm | 103 | 103 | | | 114 | 91 |
| 4.a.v | | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥120 mm | 103 | 103 | | | 114 | 91 |
| 4.a.iii | 8.1.(a) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥90 u < 100 mm b'tieqa ta' malji kwadri ta' 120 mm | 137 | 137 | 227 | | 227 | 227 |
| 4.a.iv | 8.1.(a) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥100 u <120 mm b'tieqa ta' malji kwadri ta' 120 mm | 137 | 137 | 103 | | 114 | 91 |
| 4.a.v | 8.1.(a) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥120 mm b'tieqa ta' malji kwadri ta' 120 mm | 137 | 137 | 103 | | 114 | 91 |
| 4.a.v. | 8.1.(j) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥ 120 mm b'tieqa ta' malji kwadri ta' 140 mm | 149 | 149 | 115 | | 126 | 103 |
| 4.a.ii | 8.1.(b) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ta' ≥70 u <90 mm konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi 2 | Bla limitu | Bla limitu | | | Bla lim. | Bla lim. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 4.a.iii | 8.1.(b) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ta’ ≥90 u <100 mm konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi 2 | Bla limitu | Bla limitu | Bla lim. | Bla lim. |
| 4.a.iv | 8.1.(c) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥100 u <120 mm b'riżultat mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz | 148 | 148 | 148 | 148 |
| 4.a.v | 8.1.(c) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥120 mm b'riżultat mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz | 160 | 160 | 160 | 160 |
| 4.a.iv | 8.1.(k) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥100 u <120 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz u aktar minn 60% ta' barbun tat-tbajja' (*plaice*) | m.r. | m.r. | 166 | m.r. |
| 4.a.v | 8.1.(k) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥120 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz u aktar minn 60% ta' barbun tat-tbajja' (*plaice*) | m.r. | m.r. | 178 | m.r. |
| 4.a.v | 8.1.(h) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ta’ ≥ 120 mm li jaħdmu taħt sistema ta’ sospensjoni awtomatika tal-liċenzji tas-sajd | 115 | 115 | 126 | 103 |
| 4.a.ii | 8.1.(d) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥70 u <90 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'. | 280 | 280 | 280 | 280 |
| 4.a.iii | 8.1.(d) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥90 u <100 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'. | Bla limitu | Bla lim. 280 | 280 | 280 |
| 4.a.iv | 8.1.(d) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥100 u <120 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'. | Bla limitu | Bla limitu | Bla lim. | Bla lim. |
| 4.a.v | 8.1.(d) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies >120 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta’ merluzz, lingwata u barbun tat-tbajja'. | Bla limitu | Bla limitu | Bla lim. | Bla lim. |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4.a.v | 8.1.(h)<br>8.1.(j) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ta' ≥120 mm b'tieqa kwadra ta' malji ta' 140 mm li jaħdmu taħt sistema ta' sospensjoni awtomatika tal-liċenzji tas-sajd. | m.r. | m.r. | 127 | 138 | 115 |
| 4.b.i | | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies≥80 u < 90 mm | m.r. | 143[2] | Bla lim. | 143 | 143[2] |
| 4.b.ii | | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies≥90 u < 100 mm | m.r. | 143[2] | Bla lim. | 143 | 143[2] |
| 4.b.iii | | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies≥100 u <120 mm | m.r. | 143 | Bla lim. | 143 | 143 |
| 4.b.iv | | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ≥120 mm | m.r. | 143 | Bla lim. | 143 | 143 |
| 4.b.iii | 8.1.(c) | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies≥100 u <120 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta' merluzz | m.r. | 155 | Bla lim. | 155 | 155 |
| 4.b.iii | 8.1 (i) | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ta' ≥100 u <120 mm għal bastimenti li użaw xbieki tat-tkarkir bit-travu fl-2003, l-2004 jew l-2005. | m.r. | 155 | Bla lim. | 155 | 155 |
| 4.b.iv | 8.1.(c) | Xbieki tat-tkarkir jew tartaruni Daniżi b'malji ta' qies ≥120 mm b'riżultat mgħoddija li juru inqas minn 5% ta' merluzz | m.r. | 155 | Bla lim. | 155 | 155 |
| 4.b.iv | 8.1 (i) | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ta' ≥120mm għal bastimenti li użaw xbieki tat-tkarkir bit-travu fl-2003, l-2004 jew l-2005. | m.r. | 155 | Bla lim. | 155 | 155 |
| 4.b.iv | 8.1.(e) | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' qies ≥120 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta' merluzz u aktar minn 60% ta' barbun tat-tbajja' | m.r. | 155 | Bla lim. | 155 | 155 |
| 4.c.i<br>4.c.ii<br>4.c.iii<br>4.d | | Għeżula tat-tisqif u għeżula tal-mitlaq b'malji ta' qies:<br>● < 110 mm<br>● ≥110 mm u <220 mm<br>● ≥220 mm<br>u pariti | 140 | 140 | | 140 | 140 |

MT



MT

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4.c.iii | 8.1.(f) | Għeżula tat-tisqif u għeżula tal-mitlaq b'malji ta' qies ≥220 mm b'riżultati mgħoddija li juru inqas minn 5% ta' merluzz u aktar minn 5% ta' barbun imperjali u *lumpsucker* | 162 | 140 | 162 | 140 | 140 | 140 |
| 4.d | 8.1.(g) | Pariti b'malji ta' qies ta' <110 mm. Il-bastiment m'għandux ikun ilu barra mill-port għal aktar minn 24 siegħa. | 140 | 140 | | 205 | 140 | 140 |
| 4.e | | Konzijiet | 173 | 173 | | | 173 | 173 |
| [1] Jintużaw biss id-denominazzjonijiet fil-punti 4 u 8 | | | | | | | | |
| [2] Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 850/98 fejn jeżistu r-restrizzjonijiet | | | | | | | | |
| m.r. tfisser mhux rilevanti" | | | | | | | | |

(d) Il-Punt 14.3 jinbidel b'dan li ġej:

"14.3. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness u b'referenza għaż-żoni definiti fil-punt 2 u l-gruppi ta' tagħmir tas-sajd definiti fil-punt 4, il-gruppi ta' trasferiment li ġejjin huma definiti:

a) il-gruppi ta' tagħmir tas-sajd 4.a.i fi kwalunkwe żona;

b) il-gruppi ta' tagħmir tas-sajd 4.a.ii fi kwalunkwe żona u 4.a.iii fiż-Żona IV, Diviżjoni IIa (ilmijiet tal-KE) VIa, VIIa u VIId;

c) il-gruppi ta' tagħmir tas-sajd 4.a.iii fil-Kattegat u Skagerak, 4.a.iv u 4.a.v fi kwalunkwe żona;

d) il-gruppi ta' tagħmir tas-sajd 4.b.i, 4.b.ii, 4.b.iii, u 4.b.iv fi kwalunkwe żona;

e) gruppi ta' tagħmir tas-sajd 4.c.i, 4.c.ii, 4.c.iii, u 4.d fi kwalunkwe żona;

f) gruppi ta' tagħmir tas-sajd 4.e fi kwalunkwe żona;

(e) Il-Punt 14.6 jinbidel b'dan li ġej:

"14.6.Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Bil-għan li din l-informazzjoni ssir disponibbli għall-Kummissjoni, jista' jiġi adottat format dettaljat ta' *spreadsheet,* skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002."

(f) Il-Punt 17.2 jinbidel b'dan li ġej:

"17.2.Meta l-kaptan ta' bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu jinnotifika l-użu ta' aktar minn wieħed mill-gruppi ta' tagħmir tas-sajd definiti taħt il-punt 4, in-numru totali ta' ġranet disponibbli matul il-perjodu ta' ġestjoni li jkun imiss m'għandux ikun aktar mill-medja aritmetika tal-jiem li għalihom huwa eliġibbli l-bastiment għal kull tagħmir, aġġustat 'l isfel għall-eqreb ġurnata sħiħa. M'għandux ikun permess li

wieħed jaqleb minn tagħmir għall-ieħor jekk in-numru totali ta' jiem mgħoddija fuq il-baħar bi kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' tagħmir innotifikati ikun daqs jew jaqbeż in-numru ta' jiem stipulati fit-Tabella I għat-tagħmir li għandu jintuża fiż-żona kkonċernata."

(g) Il-Punt 17.4 jinbidel b'dan li ġej:

"17.4. L-ispezzjoni u s-sorveljanza fuq il-baħar u fil-port mill-awtoritajiet kompetenti għandhom isiru għall-verifika tal-konformità maż-żewġ rekwiżiti msemmija hawn fuq. Kwalunkwe bastiment li jinsab jikser dawn ir-rekwiżiti għandu b'effett immedjat ikun projbit mill-użu ta' aktar minn grupp wieħed ta' tagħmir tas-sajd."

(h) Il-Punt 25 jinbidel b'dan li ġej:

"25. Komunikazzjoni tad-*data* rilevanti

25.1. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu mezz li tkun disponibbli għall-Kummissjoni *spreadsheet* bid-*data* msemmija fil-punt 24 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika xieraq, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

25.2. Format ġdid ta' *spreadsheet* sabiex id-*data* msemmija fil-24 issir disponibbli għall-Kummissjoni jista' jiġi adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002."

(4) Fl-Anness IIB:

(a) Il-Punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Definizzjoni ta' jiem preżenti f'żona

Għall-għan ta' dan l-Anness, jum preżenti f'żona għandu jkun kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu bastiment ikun preżenti fi kwalunkwe ħin fiż-żona ġeografika li tkopri d-Diviżjonijiet VIIIc u IXa minbarra l-Golf ta' Cadiz u jkun nieqes mill-port. Il-ħin li minnu jibda jitkejjel il-perjodu kontinwu hu għad-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru li tiegħu il-bastiment konċernat itajjar il-bandiera.

(b) Il-Punt 12.4 jinbidel b'dan li ġej:

"12.4. L-ebda trasferiment ta' jiem bejn bastimenti li jibbenefikaw mill-allokazzjoni msemmija f'punt 7.1 m'huwa permess."

(c) Il-Punt 12.5 jinbidel b'dan li ġej:

"12.5. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Il-formati ta' *spreadsheet* għall-ġbir u t-trażmissjoni ta' l-informazzjoni msemmija f'dan il-punt jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002."

(d) Il-Punt 20 jinbidel b'dan li ġej:

"20.1.Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu mezz li tkun disponibbli għall-Kummissjoni *spreadsheet* bid-*data* msemmija fil-punt 24 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika xieraq, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

20.2. Format ġdid ta' *spreadsheet* sabiex id-*data* msemmija punt 19 issir disponibbli għall-Kummissjoni jista' jiġi adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002."

(5) Fl-Anness IIC:

(a) F'punt 1, jitneħħa t-test li ġej:

"Bastimenti li jistadu bi xbieki fissi ikbar minn 120 mm u bi track record fl-2004 ta' inqas minn 300 kg ta' lingwata għandhom ikunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness bil-kundizzjoni li:

(a) tali bastimenti jaqbdu inqas minn 300 kg fl-2006, u

(b) kull Stat Membru konċernat jagħmel rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2006 u l-31 ta' Jannar 2007 dwar il-qabdiet ta' lingwata minn dawn il-bastimenti fl-2006.

(b) Il-Punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Definizzjoni ta' jiem preżenti f'żona

Għall-għan ta' dan l-Anness, jum preżenti f'żona għandu jkun kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa (jew parti minnu) li matulu bastiment ikun preżenti fi kwalunkwe ħin fid-Diviżjoni VIIe u jkun nieqes mill-port. Il-ħin li minnu jibda jitkejjel il-perjodu kontinwu hu għad-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru li tiegħu il-bastiment konċernat itajjar il-bandiera.

(c) Il-Punt 7.1 jinbidel b'dan li ġej:

"7.1. Għall-għanijiet ta' l-iffissar tan-numru massimu ta' jiem li fihom bastiment tas-sajd jista' jkun preżenti fiż-żona, il-kundizzjonijiet speċjali li ġejjin għandhom japplikaw, skond it-Tabella I:

(a) mill-gruppi ta' tagħmir imsemmija fil-punt 3 l-bastiment għandu biss iġorr abbord jew jutilizza t-tagħmir definit fil-punt 3.b b'malji ta' qies ta' 120mm jew akbar;

(b) il-ħatt l-art totali f'piż haj ta' lingwata fl-2004 u 2006 kif imnizzel fil-ġurnal ta' abbord tal-Komunità mill-bastiment konċernat għandu jkun inqas minn 300kg;

(c) kull Stat Membru għal kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu għandu jipprovdi rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2006 u l-31 ta' Jannar 2007 dwar il-qabdiet ta' lingwata fl-2006.

(d) It-Tabella I tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella I
Numru massimu ta' jiem li matulhom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona skond it-tagħmir tas-sajd f'kull sena

| Grupp ta' tagħmir tas-sajd Punt 3 | Kundizzjonijiet Speċjali Punt 7 | Denominazzjoni[1] | Il-Kanal tal-Punent |
|---|---|---|---|
| 3.a | | Xbieki tat-tkarkir bit-travu b'qies ta' malji ≥80 mm | 216 |
| 3.b | | Xbieki statiċi b'malji ta' qies ta' < 220 mm | 216 |
| 3.b | 7.1. | Xbieki statiċi b'malji ta' qies ta' ≥120 mm;<br>Anqas minn 300 kg ta' lingwata fis-sena;<br>Rapport obbligatorju dwar il-qabdiet tal-lingwata fl-2006. | bla limitu |
| [1] Id-denominazzjonijiet fil-punti 3 u 7 biss jintużaw." | | | |

(e) Il-Punt 12.4 jinbidel b'dan li ġej:

"12.4. L-ebda trasferiment ta' jiem bejn bastimenti li jibbenefikaw mill-allokazzjoni msemmija f'punt 7.1 m'huwa permess."

(f) Jiddaħħal punt 12.5 ġdid:

"12.5. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom iressqu rapporti dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Format dettaljat ta' *spreadsheet* sabiex dawn ir-rapporti jsiru disponibbli għall-Kummissjoni jista' jiġi adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002."

(g) Il-Punt 17 jinbidel b'dan li ġej:

"17. Komunikazzjonijiet dwar l-isforz tas-sajd

L-Artikoli 19b, 19c, 19d, 19e u 19k ta' dak ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom japplikaw għall-bastimenti li jġorru abbord it-tagħmir definit fil-punt 3 u li joperaw fiż-żona definita fil-punt 1. Bastimenti mgħammra b'sistemi ta' sorveljanza tal-bastimenti skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom ikunu esklużi minn dawn ir-rekwiżiti ta' komunikazzjoni."

(h) Il-Punt 28 jinbidel b'dan li ġej:

"28. Komunikazzjoni tad-*data* rilevanti

28.1. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu mezz li tkun disponibbli għall-Kummissjoni *spreadsheet* bid-*data* msemmija fil-punt 27 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-posta elettronika xieraq, li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni.

28.2. Format ġdid ta' *spreadsheet* sabiex id-*data* msemmija fil-punt 27 issir disponibbli għall-Kummissjoni jista' jiġi adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002."

(6) Fl-Anness IID:

(a) It-titolu ta' l-anness jinbidel b'dan li ġej:

"SFORZ TAS-SAJD GĦAL BASTIMENTI LI JISTADU GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FL-ISKAGERRAK, IS-SUBŻONA IV U D-DIVIŻJONI IIA"

(b) Il-Punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw għal bastimenti tal-Komunità li jistadu fl-Iskagerrak, id-Diviżjoni IIa (ilmijiet tal-KE) u s-Subżona IV bix-xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni u tagħmir miġbud ieħor b'malji ta' qies li huwa anqas minn 16 mm.

(c) Il-Punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Kull Stat Membru kkonċernat għandu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2006, jistabbilixxi *database* li fiha għas-Subżona IV u Skagerrak, għal kull waħda mis-snin 2002, 2003 u 2004 u għal kull bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew irreġistrat fil-Komunità li kien jistad bi xbieki tas-sajd demersali, tartaruni jew tagħmir miġbud bħal dan b'malji ta' qies li huwa inqas minn 16 mm, l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u n-numru internazzjonali ta' reġistrazzjoni tal-bastiment;

(b) is-saħħa tal-magna f'kilowatt installata fuq il-bastiment, imkejla skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86;

(c) in-numru ta' jiem preżenti fiż-żona meta kien qed jistad bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew tagħmir ieħor simili b'malji ta' qies ta' anqas minn 16-il mm.

(d) il-kilowatt-jiem bħala prodott tan-numru ta' jiem preżenti fiż-żona u s-saħħa tal-magna installata f'kilowatt.

(d) Il-Punt 6 jinbidel b’dan li ġej:

"6. In-numru massimu ta' kilowatt-jiem imsemmi fil-punt 5 u t-TAC u l-kwoti għaċ-ċiċċirell fl-Iskagerrak fiż-żoni IIa (ilmijiet tal-KE) u IV (ilmijiet tal-KE) kif stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandhom jiġu riveduti mill-Kummissjoni kmieni kemm jista jkun abbażi tal-pariri ta' l-STECF fir-rigward tad-daqs tal-klassi tas-sena 2005 għaċ-ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntana, skond ir-regoli li ġejjin:

(a) fejn l-STECF jistima d-daqs tal-klassi tas-sena 2005 ta' ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntana għal 500 000 miljun individwu jew aktar f'età 0, l-ebda restrizzjoni f'kilowatt-jiem m'għandha tapplika għall-bqija ta' l-2006 u t-TAC għall-2006 għandu jiġi ffissat għal 600 000 tunnellata;

(b) fejn l-STECF jistima d-daqs tal-klassi tas-sena 2005 ta' ċiċċirell tal-Baħar tat-Tramuntana għal bejn 300 000 miljun u 500 000 miljun individwu f'età 0, in-numru ta' kilowatt-jiem m'għandux jaqbeż il-livell ta’ l-2003 kif ikkalkulat fil-punt 4(a) u t-TAC għall-2006 għandu jiġi ffissat għal 300 000 tunnellata;

(c) fejn l-STECF tistima li d-daqs tal-klassi tas-sena 2005 taċ-ċiċċerell tal-Baħar tat-Tramuntana jkun anqas minn 300 000 miljun individwu f'eta 0, sajd bix-xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni u tagħmir ieħor miġbud b'malji b'qies ta' inqas minn 16 mm għandu jkun ipprojbit għall-bqija ta' l-2006; Madankollu, għandu jkun permess sajd limitat sabiex isir monitoraġġ ta' l-istokkijiet taċ-ċiċċirell fl-Iskagerrak s-Subżona IV u l-effetti ta' dan l-għeluq. Għal dan il-għan l-Istati Membri konċernati għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppaw pjan għas-sajd ta' monitoraġġ."

(7) Fl-Anness III:

Il-Punt 13 jinbidel b’dan li ġej:

"13. **Bastimenti involuti f'sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat fil-Grigal ta' l-Atlantiku**

13.1. Mingħajr dewmien, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar bastimenti li jtajru bnadar ta' Partijiet mhux kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (il-Konvenzjoni) li jkunu nstabu jistadu fiż-Żona Regolatorja tal-Konvenzjoni u mqiegħda mill-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC) fuq lista provviżorja ta' bastimenti li jistqiesu li qegħdin jikkompromettu r-Rakkomandazzjonijiet stabbiliti taħt il-Konvenzjoni. Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għal dawn il-bastimenti:

(a) bastimenti li jidħlu fil-portijiet m'humiex awtorizzati jħottu l-art jew jittrasbordaw fihom u għandhom jiġu spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn l-ispezzjonijiet jinkludu d-dokumenti tal-bastiment, il-ġurnali ta' abbord, it-tagħmir tas-sajd, il-qabdiet li jkollhom abbord u kwalunkwe ħaġa oħra marbuta ma' l-attivitajiet tal-bastiment fiż-Żona

Regolatorja tal-Konvenzjoni. Tagħrif dwar ir-riżultat ta' l-ispezzjonijiet jintbagħat immedjatament lill-Kummissjoni.

(b) bastimenti tas-sajd, bastimenti ta' appoġġ, bastimenti li jfornu l-fjuwil, bastimenti omm u bastimenti tal-merkanzija li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru m'għandhom bl-ebda mod jgħinu dawn il-bastimenti jew jipparteċipaw f'xi trasbord jew sajd flimkien ma' dawn il-bastiment;

(c) il-bastimenti m'għandhomx jiġux fornuti bi provvisti, fjuwil jew servizzi oħra fil-portijiet.

13.2. Dawk il-bastimenti li l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku tal-Grigal NEAFC tkun niżżlet fil-lista ta' bastimenti li jkun ġie kkonfermat li jkunu wettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (bastimenti IUU) huma elenkati fl-Appendiċi 4. Flimkien mal-miżuri msemmija fil-punt 13.1 għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin għal dawn il-bastimenti:

(a) Bastimenti IUU għandhom ikunu pprojbiti milli jidħlu f'port Komunitarju;

(b) Bastimenti IUU ma jingħatawx awtorizzazzjoni li jistadu fl-ilmijiet Komunitarji, u ma jistgħux jinkrew;

(c) l-importazzjoni ta' ħut li jkun ġej minn bastimenti IUU hija pprojbita;

(d) L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-bandiera tagħhom lill-bastimenti IUU, u jħeġġu lill-importaturi, t-trasportaturi u lis-setturi l-oħra kkonċernati biex joqogħdu lura milli jinnegozjaw dwar il-ħut maqbud minn dawn il-bastimenti jew jittrasbordawh.

13.3. Hekk kif in-NEAFC tadotta lista ġdida ta' IUU, il-Kummissjoni għandha temenda l-elenku biex jiġi konformi mal-lista IUU tan-NEAFC."

(8) Fl-Anness IV, il-Parti I tinbidel b'dan li ġej:

"PARTI I

Limitazzjonijiet kwantitattivi tal-liċenzji u

permessi għas-sajd għal bastimenti Komunitarji li jistadu f'

ilmijiet ta' pajjiżi terzi

| Żona ta' sajd | Sajd għal | Numru ta' liċenzji. | Allokazzjoni ta' liċenzji bejn l-Istati Membri | Numru massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin |
|---|---|---|---|---|
| Ilmijiet tan-Norveġja u ż-żona tas-sajd madwar Jan-Mayen | Aringi, fit-Tramuntana ta' 62°00'N | 77 | DK: 26, DE: 5, FR: 1, IRL: 7, NL: 9, SW: 10, UK: 17, PL: 1 | 55 |
| | Speċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62°00'N | 80 | FR: 18, PT: 9, DE: 16, ES: 20, UK: 14, IRL: 1, PL: 1 | 50 |
| | Kavalli, fin-Nofsinhar ta' 62°00'N, sajd bit-tartaruni | 11 | DE: 1[(1)], DK: 26 [1], FR: 2 [1], NL: 1 [1] | mhux rilevanti |
| | Kavalli, fin-Nofsinhar ta' 62°00'N, sajd bix-xbieki tat-tkarkir | 19 | | mhux rilevanti |

(1) Din l-allokazzjoni hija valida għas-sajd bit-tartarun u bix-xibka tat-tkarkir.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Kavalli, fit-Tramuntana ta' 62°00'N, sajd bit-tartaruni | 11[2] | DK: 11 | mhux rilevanti |
| | Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62°00'N | 480 | DK: 450, UK: 30 | 150 |
| Ilmijiet tal-Gżejjer Faroe | Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe | 26 | BE: 0, DE: 4, FR: 4, UK: 18 | 13 |
| | Sajd maħsub għall-merluzz (*cod*) u l-bakkaljaw (*haddock*) b'malji ta' minimu 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62°28'N u Lvant ta' 6°30'W | 8[3] | | 4 |
| | Tkarkir 'il barra minn distanza ta' 21 mil mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe. Fil-perjodi bejn l-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu joperaw fiż-żona bejn 61°20'N u 62°00'N u bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi. | 70 | BE: 0, DE: 10, FR: 40, UK: 20 | 26 |

(2) Li għandu jintgħażel mill-11-il liċenzja għas-sajd bit-tartaruni għall-kavalli fin-Nofsinhar ta' 62°00'N

(3) B'riżultat tar-Rekord Miftiehem ta' l-1999, iċ-ċifri għas-sajd immirat għall-merluzz u l-bakkaljaw huma inklużi fiċ-ċifri għal "Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux aktar minn 180 pied fiż-żona bejn 12 u 21 mil mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe".

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Sajd bit-tkarkir għal-linarda b'malji b'qies minimu ta' 100 mm fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 61°30'N u l-Punent ta' 9°00'W u fiż-żona bejn 7°00'W u 9°00'W fin-Nofsinhar ta' 60°30'N u fiż-żona fil-Lbiċ ta' linja bejn 60°30'N, 7°00'W u 60°00'N, 6°00'W | 70 | DE: 8(4),<br>FR: 12(4),<br>UK: 0 4 | 20(5) |
| | Sajd bit-tkarkir maħsub għall-pollakkju (*saithe*) b'malji ta' qies minimu ta' 120 mm u bil-possibilità li jintużaw ċineg fit-tond madwar ix-xkora tax-xibka. | 70 | | 22(5) |
| | Sajd għas-stokkafixx. In-numru totali ta' liċenzji jista' jiżdied b'erba' bastimenti sabiex jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faroe jintroduċu regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona li tissejjaħ "iż-żona ewlenija tas-sajd għall-istokkafixx" | 34 | DE: 3, DK: 19, FR: 2, UK: 5, NL: 5 | 20 |
| | Sajd bix-xlief | 10 | UK: 10 | 6 |
| | Sajd għall-kavalli | 12 | DK: 12 | 12 |
| | Sajd għall-aringi fit-Tramuntana ta' 62°N | 21 | DE: 1, DK: 7, FR: 0, UK: 5, IRL: 2, NL: 3, SW: 3 | 21 |
| | | | | |
| Ilmijiet tal-Federazzjoni Russa | Is-sajd kollu | Pm | | pm |
| | Sajd għall-merluzz | 7(6) | | pm |
| | Sajd għal-laċċa kaħla | Pm | | pm" |

(4) Dawn iċ-ċifri jirreferu għan-numru massimu ta' bastimenti preżenti f'kull ħin

(5) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għal 'Sajd bit-tkarkir aktar minn 21 mil 'il-barra mil-linji ta' bażi tal-Gżejjer Faroe'.

(6) Japplika biss għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Latvja.

<u>**ANNESS II**</u>

Il-Parti 2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2270/2004 huwa emendat kif ġej:

Il-partita dwar l-ispeċi ta' "*Roundnose grenadier*" fiż-żona III, (ilmijiet Komunitarji u internazzjonali) tinbidel b'li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Speċi: | *Roundnose grenadier*<br><br>*Coryphaenoides rupestris* | Żona: | III (Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) |

| | |
|---|---|
| Id-Danimarka | 2612 |
| Il-Ġermanja | 15 |
| L-Iżvezja | 134 |
| Il-KE | 2761" |